Is-Serva ta' Alla

# Tereża Parlar

## 1842-1927

**kitba ta' P. Franġisk Galea OP**



*Tereża Parlar, pittura ta' Maria Rossella Dalmas.*

Fl-istorja ta' l-Ordni li waqqaf il-Patrijarka San Duminku ta' Guzman niltaqgħu ma' bosta minn uliedu li fuq l-eżempju tiegħu mxew ħafna 'l quddiem fil-ħajja qaddisa. Kienu papiet, isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa kif ukoll lajċi. Fost il-lajċi nsibu lit-terzjarja Francesca Teresa Parlar magħrufa sewwa għar-rassenjazzjoni mat-tbatijiet u dejjem lesta biex tagħmel ir-rieda ta' Alla.

## Twelid u Magħmudija

Tereża, kif kulħadd kien jafha u jsejħilha, twieldet il-Belt Valletta fl-24 ta' Novembru 1842 minn Ġann Indrì Parlar u Karmena D'Amato u tgħammdet fl-istess jum fil-parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu u San Duminku. Kienet mgħammda minn P. Salv Schembri OP, viċi kappillan. Il-parrini kienu Dun Alwiġ Fernandez, dak iż-żmien kappillan ta' Ħaż-Żabbar u wara kanoniku tal-katidral, l-Imdina, u s-Sinjura Marjanna, mart in-Nutar Claudio DeBono. Ingħatawlha l-ismijiet ta' Franġiska, Filomena, Marija Maddalena, Bartolomea u Katarina. Iżda kienet magħrufa minn kulħadd, sa minn mindu kienet ċkejkna bl-isem ta' Tereża, għalkemm dan l-isem lanqas biss kien ingħatalha fil-fonti tal-magħmudija. Dan l-isem kien għażiż għall-Familja Parlar, u lil Franġiska kien jixirqilha għax tassew kellha tixbah f'ħajjitha lil Santa Tereża ta' Ġesù fl-imħabba ħajja u mħeġġa lejn it-twajjeb Ġesù tagħha, għalkemm ġarrbet ħafna tbatijiet minħabba f'hekk.

## Sinjali ta' Qdusija miċ-Ċokon

Jingħad li l-qaddisin mhux jitwieldu hekk, imma jsiru, u hekk hu. Hu l-għajxien ta' ħajja qaddisa li tagħmel persuna qaddis jew qaddisa. Iżda jista' jagħti l-każ li xi wħud juru din il-qdusija miċ-ċokon u xi drabi minn twelidhom. Fost oħrajn hekk kien il-Patrijarka San Duminku. U Tereża, li kellha tkun bintu bħala terzjarja ta' l-Ordni li waqqaf, tidher bħalu, kif insibu dokumentat f'ħajjitha.

## Il-Familja

Għall-ewwel il-familja tagħha kienet tidher li taqlagħha tajjeb. Imma b'xorti ħażina t-

tliet bastimenti li kellu l-missier gherqulu. Minhabba f'hekk marad ghal tliet snin. Wara telaq Kostantinopli bil-familja b'kollox biex jiftaħ ħanut tad-drappijiet. Iżda billi ma kienx jinqala' għan-negozju, kellu jagħlaq il-ħanut u jiġi lura Malta.

Tereża kellha tliet ħutha bniet: tnejn miżżewġin, Vinċenza u Orsla, oħra xebba, Katarina; u żewġ subien: Bartilmew u Salvu. Kellha żewġ zijiet min-naħa ta' ommha: il-Kanoniku Dun Alwiġ Fernandez, kanoniku tal-katidral, u l-Kanoniku Dun Ġużepp Fernandez, kanoniku tal-knisja kolleġġjali tal-Birgu. Dun Alwiġ xtaq li jżomm miegħu lil Tereża u jħalliha werrieta tal-proprjetà tiegħu, imma Tereża, li minn twelidha kienet maqtugħa mill-ħwejjeġ tad-dinja ma riditx tħalli lil ommha, riedet tibqa' magħha tgħix fil-faqar li ntasbu fih minħabba t-telfa li ġarrbu. Ommha kienet mietet l-Isla fis-7 ta' Awissu 1882.

## It-Tfulija

Dwar it-tfulija ta' Tereża ftit li xejn nafu u nafuh mill-konfessur tagħha P. Nerik Vella OP għax ġieli kien jistaqsiha xi ħaġa hu. Iżda sa minn tarbija tat-twelid f'Tereża niltaqgħu ma' ġrajjiet barra mill-ordinarju. Imma t-triqat tal-Mulej m'humiex dawk tal-bnedmin (Is 55:8). Dak li hu impossibbli għall-bnedmin hu possibbli għal Alla (Lq 1:37).

## Tagħmel l-Ewwel Tqarbina

Ta' tmien snin ħasset xewqa qawwija li tagħmel l-Ewwel Tqarbina. Xewqitha kienet hekk ħerqana li fil-festa ta' Sidtna Marija ta' Gwadalupe, li tiġi ċċelebrata fil-knisja ta' San Filippu, l-Isla, filwaqt li kienet tara l-oħrajn jitilgħu jitqarbnu u hi ma tistax titrejjaq bl-ikel ta' l-anġli, ħassitha hekk ħażin li kellhom jeħduha fuq sodda minħabba wġigħ ta' ras jaqsam. Issejjaħ it-tabib, imma ma nstab xejn gravi, għalhekk ma għamlulhiex l-aħħar sagramenti, u lanqas ma qarbnuha, minħabba li kienet għadha żgħira. Iżda meta raw li l-qagħda tagħha baqgħet ħażina, u billi ċ-ċkejkna Tereża kellha dik il-ħerqa li tagħmel l-Ewwel Tqarbina, ġie deċiż li jikkuntentawha, u bi qbil mal-konfessur tagħha, P. Salv, kapuċċin, tqarbnet. Ftit sigħat wara għaddielha kollox. Minn dakinhar 'il quddiem ma kinitx tiekol u tixrob ħlief l-Ewkaristija u ftit ilma mbierek ta' San Vinċenz jew ilma mbierek ieħor. Meta ma kinitx tista' tmur il-knisja kienet titqarben b'mod mirakoluż.



*Il-Madonna ta' Gwadalupe, fil-knisja ta' San Filippu, immexxija mill-Ġiżwiti fl-Isla.*

Sa minn mindu kienet għadha tifla kienet tilbes iċ-ċilizzji u tagħmel id-dixxiplina kemm-il darba fil-ġimgħa. Mill-età ta' tmien snin sakemm marret Kostantinopli ma nafu xejn.

## Il-Familja Temigra Kostantinopli

Milli jidher meta Tereża siefret mal-familja tagħha Kostantinopli kienet tfarfret ġmielha għax kellha bħala konfessur tagħha lil P. Anton Calafato OP, missjunarju Malti li kien fil-kunvent u l-knisja ta' San Pietru ta' Galata.

Waqt il-vjaġġ lejn Kostantinopli nqalgħet tempesta qalilha, iżda Tereża, għalkemm daqxejn

ta' tfajla, kellha labtu ċkejken tal-Madonna, bisitu b'turija ta' qima, tefgħetu l-baħar u t-tempesta kkalmat u waslu qawwijin u sħaħ kif kienet ħabbret minn qabel lill-kaptan.

## Lura Malta. Il-Konfessuri

Kostantinopli damet tliet snin. Fil-ftit żmien li għaddiet hawnhekk bi kliemha u imġibitha ġibdet is-simpatija ta' l-oħrajn. B'riħet hekk ikkonvertiet seftura Torka, Ambè; u meta waslet biex tiġi lura Malta, il-kappillan u s-Sorijiet Benedittini xtaquha tibqa' magħhom. Kienet tgħid li hi kieku xtaqet tgħix f'ħajja ta' komunità tas-sorijiet, imma r-rieda tal-Mulej kienet li tgħix fil-kmajra tagħha, għaliha weħedha.

Meta rritornaw Malta Tereża marret toqgħod għand ċerta familja Ebejer flimkien mal-familja tagħha f'żewġt idjar żgħar fi Triq il-Ponta, l-Isla. Hawn damet sa l-1881, irtirata kważi ħadd ma jaf biha. Bħala konfessur kellha lil P. Salv, kapuċċin, li kienet ħabbret il-marda, il-jum u s-siegħa tal-mewt tiegħu. Meta miet bdiet tqerr għand Dun Pawl Aquilina, viċi kappillan tal-Birgu. Dun Pawl kien qal dwar Tereża: "Qatt ma qarart ruħ bħal dik ta' Tereża, u ma nqararx".

P. Ġużepp Marija, kapuċċin mill-Birgu, konfessur ta' omm Tereża u li kien jaf lil Tereża minn ċkunitha kien qal lil P. Nerik Vella OP li hu kien għaraf lil Tereża bħala kreatura privileġġjata, mogħnija bil-virtujiet kollha, eżemplarissima, maqtugħa għal kollox mill-ġid tad-dinja u li jżommha bħala qaddisa.


*P. Nerik Vella OP*

Meta Tereża kellha xi ħamsa u għoxrin sena P. Salv kien qal lil P. Nerik: "Jien inżomm lil Tereża bħala l-konfessur tagħha, imma fiha ma nsibx materja ta' assoluzzjoni, hija qaddisa, proprju. Nista' niżgurak u naċċertak li fiha nsib l-innoċenza tal-magħmudija".

Wara l-mewt ta' Dun Pawl Aquilina beda jqararha l-Kanoniku Dun Benjamin Briffa ta' l-Isla, sakemm intwerielha b'mod mirakoluż lil P. Nerik Vella OP.

Il-każ ġara hekk: Tereża kienet meħuda fl-ispirtu fil-knisja ta' San Duminku, ir-Rabat, magħrufa wkoll bħala l-knisja tal-Madonna tal-Għar. Hemm rat Patri Dumnikan qiegħed iħejji xi fjuri biex iqegħedhom quddiem ix-xbieha tal-Madonna u jgħid ir-Rużarju. Dak il-ħin kienet imnebbħa li dak il-patri kellu jkun il-konfessur ġejjieni tagħha. Madwar sena wara, dan il-patri, P. Nerik, kien assenjat fil-kunvent tal-Birgu, anness mal-knisja tal-Lunzjata, fejn Tereża bdiet tqerr għandu għall-ewwel darba fil-21 ta' Diċembru 1881.

## Fid-Dar tal-Familja Ebejer

Tereża kienet tgħix weħedha f'daqsxejn ta' kamra fid-dar tal-familja Ebejer. Ma kinitx trid taf b'sodda, kienet toqgħod għall-qiegħa ta' l-art, bla ma tiekol jew tixrob. Kienet tkun miġbura fit-talb u dejjem itturmentata mill-ispirti ħżiena, li ma kinux iħalluha bi kwietha. Jaħarqulha tagħmir, ħwejjiġha, kif ukoll ix-xbihat qaddisa li kellha f'kamritha. Kienet tkun mitlufa minn sensiha, daqqa


*Tereża Parlar waqt waħda mill-estasi.*

mill-ispirti ħżiena u daqqa fi ħlewwa ta' estasi, titgħaxxaq bid-dehriet ħienja tal-qaddisin protetturi tagħha, l-aktar tal-Madonna u San Ġużepp.

Jingħad li f'xi żmien kienet iġġib il-pjagi ta' Kristu f'idejha. Kienet iżżomm idejha nfaxxati. Meta ċerta Katarina Micallef staqsietha għaliex, qaltilha li kienu juġgħuha. Katarina kienet kemm-il darba marret iżżur lil Tereża d-dar u kienet tilmħilha wiċċha bid-demm u mbenġel u b'xi għajn minfuħa u mbenġla. Kienet ukoll taralha l-inkwatri u s-santi maħruqin. Minkejja li Tereża kienet tgħix ħajja magħluqa, il-fama ta' qaddisa bdiet tinxtered mal-gżira kollha, u l-Isla kienet mixgħula biha.


*P. Vinċenz Schembri OP*

## Tidħol Terzjarja Dumnikana

Ġrajja li tolqot mill-qrib il-Familja Dumnikana Maltija hi meta Tereża nkitbet terzjarja Dumnikana f'idejn il-Provinċjal P. Vinċenz Schembri OP fit-13 ta' Frar 1882 u ngħatalha l-isem ta' Sor Katarina ta' San Ġużepp. Waqt il-funzjoni telgħet estasi u fil-ħin tad-diskors ta' l-okkażjoni dehrulha San Ġużepp li kienet issejjaħlu n-nannu, anġlu tas-sema taħt għamla ta' tifel u Dumnikan l-aktar sabiħ jew aħjar San Duminku, li minn dakinhar adottaha bħala bintu. Dak il-ħin kellha ċurkett li ma deherx aktar. Meta P. Nerik staqsieha x'sar minnu, weġbitu li ħadulha San Duminku u qalilha li se jerġa' jagħtihulha f'jum il-professjoni.

Tereża pprofessat fit-Terz Ordni ta' San Duminku fis-16 ta' Frar, tlett ijiem wara l-vestizzjoni. Waqt li kienet tgħid il-formola tal-professjoni mal-konfessur tagħha reġgħet telgħet estasi. Il-konfessur raha b'idejha miftuħa u lemaħ il-pala ta' idha l-leminija bid-demm fejn kellha pjaga kbira vjola u ħamra li f'ħin bla waqt deher f'idha ċ-ċurkett li kien ħadilha San Duminku f'jum il-vestizzjoni. Dak il-ħin Tereża ħarrket idha u ċ-ċurkett waqa' fl-art u ġabru P. Nerik. Meta ġiet f'sensiha u P. Nerik staqsieha x'sar minnu ċ-ċurkett, qaltlu li meta l-Missier Duminku taħulha, hi tefgħetu fuq il-fjuri li kien hemm. Fir-realtà fjuri ma kienx hemm imma rathom hi waqt l-estasi.

## Stħarriġ dwar Ħajjitha

Ġrajjiet ta' din x-xorta, barra min-normali, kif ukoll il-qdusija tat-twajba Tereża bdiet tinxtered ma' Malta kollha. F'ċirkustanzi bħal dawn, kif jiġri dejjem ikun hemm min jilqagħhom bis-serjetà u jkun hemm min iwaqqagħhom għaċ-ċajt. Minħabba f'hekk il-Knisja, fil-prudenza tagħha u għall-ġid ta' l-erwieħ, ikun jeħtiġilha tinvestiga l-verità tal-fatti. Fil-każ ta' Tereża ġara l-istess. Dak iż-żmien kien imexxi d-djoċesi Mons. Anton Marija Buhagiar, kapuċċin, bħala l-Isqof Amministratur tal-gżejjer Maltin.

Mons. Buhagiar inkariga lil P. Anton Bottalla SJ biex jivverifika l-każ. P. Bottalla żar lil Tereża fis-16 ta' Ottubru 1885 u sabha mħabbta mill-ispirti l-ħżiena. Għamel it-talb li s-soltu jsir f'ċirkustanzi bħal dawn u Tereża ġiet meħlusa. P. Anton dar fuq P. Nerik, li dak il-ħin kien preżenti, u qallu: "Patri, m'hemmx qerq". Kien il-Ġimgħa, jum qaddis għal Tereża, P. Bottalla ried jagħti ftit brodu lil Tereża. Kien għalxejn, għax Tereża, bla ma riedet tefgħetu barra minn ħalqha. Xtaqet tobdi, imma ma rnexxilhiex tixorbu. Għalhekk P. Anton ħallieha trankwilla, sodisfatt biż-żjara tiegħu u bil-ħwejjeġ sopranaturali li ra.

Wara dan, l-Isqof Buhagiar xtaq li Tereża tiġi eżaminata mill-Professur Ġużeppi Galea MD. Fit-2 ta' Novembru ta' l-istess sena P. Bottalla flimkien mal-Professur Galea żaru lil

Tereża. Il-Professur Galea mar għandha wkoll u eżaminaha fit-28 ta' April 1886. Il-Professur Galea ddikjara li kien ċert li tlett ijiem ma kielet xejn.

Fl-14 ta' April 1886 kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Awtorità Ekkleżjastika biex tintbagħat fl-Ospizju Ta' Saura taħt il-kura u s-sorveljanza tas-sorijiet ta' hemmhekk. Ħadd ma seta' jersaq lejha ħlief iż-żewġ tobba kuranti tagħha, il-Professur Galea u DeBono u l-konfessur tagħha P. Nerik Vella OP, ħalli hekk l-Isqof jaċċerta ruħu aħjar mir-relazzjoni li tah P. Bottalla.

Min-naħa tagħha Tereża riedet tobdi, l-aqwa li tibqa' magħquda mal-ħelu Ġesù tagħha, iżda l-familja Ebejer irribellaw u ma riedu bl-ebda mod iħallu lil Tereża toħroġ barra minn darhom. Għalhekk ix-xewqa ta' l-isqof ma seħħitx. U għax Tereża riedet tobdi, ġiet trattata ħażin ħafna minnhom. Din kienet parti mill-kalvarju ta' Tereża.

## Titwaqqaf Kummissjoni

Meta l-Isqof ta' warajh Mons. Pietru Pace ġie nominat bħala l-mexxej spiritwali tad-djoċesi ta' Malta, mill-ewwel wera l-interess tiegħu f'Tereża Parlar. Fit-30 ta' Jannar 1891 mar personalment għandha flimkien ma' tabib u l-kanoniku kapitulari ta' l-Isla Dun Pawl Cachia Abela u riedha tmur Ta' Saura kif xtaq Mons. Buhagiar. Imma Tereża ma setgħetx titħarrek minn postha u għalhekk ħallieha, għax qal, li l-Mulej iridha hemm.



*L-Isqof Pietru Pace*

B'danakollu hu pprova kemm-il darba biex l-idea tiegħu sseħħ ħalli hekk jagħraf mill-qiegħ dawk il-ġrajjiet li kienu jirrakkuntawlu dwar Tereża. Billi dan il-ħsieb ma rnexxilux iwettqu, waqqaf kummissjoni magħmula minn żewġ saċerdoti distinti, Mons. Kan. Dr. Sidor dei Conti Formosa Montalto u l-Majjistru P. Lawrenz Caruana, Dumnikan, u żewġ professuri eminenti tal-mediċina, Dr. Salv Lwiġi Pisani u Dr. Ġużeppi Odiardo Galea. L-għan ta' din il-kummissjoni kien li teżamina l-ħajja ta' Tereża Parlar u tagħti l-ġudizzju tagħha fuqha.



*Mons. Isidor Dei Conti Formosa Montalto.*

Il-kummissjoni, bħall-Isqof Pace, ma rnexxilhiex tipperswadi lill-familja Ebejer, biex Tereża tittieħed mid-dar tagħhom u titqiegħed f'dar ta' Komunità Reliġjuża tan-nisa jew post ieħor. Minħabba f'hekk il-kummissjoni kellha tikkuntenta biss billi tisma' mingħand xiehda tagħrif ġenerali dwar kif Tereża Parlar kienet tgħix, taħseb u titkellem.

Ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ kien li x-xiehda kollha tkellmu dwarha bħala bniedma ta' virtujiet straordinarji, li wettqet għemejjel mirakolużi u li kienet tħabbar il-ġejjieni.

## Tittieħed l-Isptar Ċentrali

Minkejja dan kollu ġie deċiż li Tereża tittieħed l-Isptar Ċentrali. Hawnhekk indaħlet il-Pulizija. Fil-lejla tat-3 ta' Awissu 1896, l-Assistent Suprintendent Anzjan l-Avukat Kostantin Salvu Magri flimkien ma' l-Ispettur Salvu Cassar u s-Surġent Karmenu Formosa kienu mqabbdin mis-superjuri tagħhom biex jieħdu lil Tereża l-Isptar Ċentrali.

Bħal kull darba l-familja Ebejer irreżistew, imma wara kellhom iċedu. B'danakollu Tereża

għad-darba ta' qabel intasbet fuq il-qiegħa ta' l-art, ibbieset ġebla u kienet qisha msammra ma' l-art bla ma tista' tiġi mħarrka. Billi mill-ġdid xtaqet tobdi l-ordni, talbet bil-ħerqa lill-Mulej u semagħha. Hekk li saret ħafifa rixa. Għal dak li ġara straordinarju, u għall-prudenza, l-Avukat Magri ħalla lil Tereża d-dar, taħt il-ħarsien taż-żewġ Sorijiet Franġiskani, Sor Kurċifissa u Sor Anjeże; bħala għajnuna tahom il-mara tas-Surġent Karmenu Formosa. Hekk għaddewh dak il-lejl.



*Dr. Ġann Feliċ Inglott*

Meta sebaħ l-għada, għall-ħabta ta' nofsinhar, Tereża ttieħdet bil-kwiet kollu lejn l-Isptar Ċentrali, il-Furjana msieħba mill-Avukat Magri, Alfred Gouder, Assistent Suprintendent u uffiċjali oħra tal-Pulizija flimkien mat-tobba distrettwali G.F. Inglott u Bonello. Dan iċ-ċaqliq ta' Tereża, kif jirriżulta ċar u evidenti, ma kien jaqa' bl-ebda mod taħt l-Awtorità tal-Pulizija, u wisq inqas ta' l-Avukat tal-Kuruna. Imma hekk ġara! Meta ddaħħlet kienu xi s-2.30 pm tal-jum 4 ta' Awissu 1897, jum li fih kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Duminku ta' Guzman.

## Trattata Ħażin u Twieġeb bl-Imħabba

Fl-Isptar Ċentrali għaddiet tlettax-il xahar. Xhur ta' martirju u tribulazzjonijiet li Tereża ġarrbet b'rassenjazzjoni tal-għaġeb mar-rieda ta' Alla. Darba fost l-oħrajn, waħda mill-pazjenti tatha daqqa ta' sieq fuq irkubbtejha u għamlitilha l-ponnijiet ma' wiċċha. Kienet ukoll magħluqa f'kamra ta' pazjenta miġnuna. Xi drabi ntqalilha xi kliem iebes u jweġġa' l-qalb, u f'okkażjonijiet kienu goffi magħha. Xi għajta bla mistħoqqa minn xi tabib qalgħet ukoll. Drabi oħra mwaqqa' għaċ-ċajt. Iżda min-naħa l-oħra Sor Skolastika u Dun Karm, il-kappillan ta' l-isptar u l-konfessur tagħha P. Nerik kienu jfarrġuha għas-sabar. Fuq kollox, iżda, kellha l-għajnuna ta' Ġesù, li kien jidhrilha taħt sura ta' saċerdot. F'dawn iċ-ċirkustanzi diffiċli, li ma kinux ftit, Tereża ġabet ruħha b'umiltà kbira ma' kulħadd, kien min kien, sew ta' pożizzjoni għolja sew le.

Mqabbda jew minn rajha kont issibha taħsel il-platti, il-pożati u oġġetti oħra tal-kċina. Erħilha titma' l-pazjenti li ma kinux jistgħu jieklu weħedhom u taħsel lil xi marida. Dan kollu kienet tagħmlu minn qalbha u b'ġentilezza kbira. Kellha kliem l-aktar ħelu u ta' faraġ, tant li kienet ġibdet is-simpatija ta' kulħadd, ukoll ta' l-istess pazjenti. Żgur li dan swielha ta' tisfija spiritwali.

## Tittieħed l-Imgieret

Ir-residenza ta' Tereża Parlar fl-Isptar Ċentrali waslet fi tmiemha fit-3 ta' Settembru 1898, mhux biex tirritorna f'kamritha, l-Isla, imma biex tittieħed lejn l-Imgieret. Il-jum ma kienx juri li hu maltemp. F'ħin bla waqt, xi d-9.30 am l-10.00 am s-sema ssaħħab u qamet tempesta qalila, b'riħ qawwi, ragħad u xita bil-qliel. Kien dak il-ħin li Tereża kellha titlaq lejn l-Imgieret, meta faqqgħet sajjetta tal-biża'. Malli l-pazjenti ntebħu li Tereża ħaduha l-Imgieret, infexxu jibku kollha kemm huma, għax Tereża kienet maħbuba minn kulħadd għall-imġiba ħanina u ġeneruża tagħha magħhom.

Tereża twasslet l-Imgieret imsieħba minn Sor Franġiska u Sor Skolastika. Hawnhekk kienet trattata ħafna aħjar milli fl-Isptar Ċentrali. L-unika ħaġa li kienet tnikktilha qalbha kienet li ma setgħetx tqerr għand il-konfessur regolari tagħha P. Nerik Vella iżda għand P. Hysler.

## Iddur bil-Lebbrużi

B'danakollu ma kinitx toqgħod lura biex tagħmel xi faċendi żgħar. L-aktar li kellha għal qalbha kien li ddur bil-lebbrużi u tqassmilhom ir-ross misjur fil-ħalib. F'dan l-ambjent il-maħbub tagħha Ġesù pprovdielha okkażjonijiet mill-iktar sbieħ biex timitah fl-imħabba tiegħu lejn il-morda, u b'mard li jittieħed. U Tereża mhux biss ma tilfithomx imma ħabirket biex taqdihom b'impenn ġeneruż. Iż-żmien tal-prova baqa' sejjer sas-6 ta' Lulju 1901, wara erbgħa u tletin xahar. Minn jobdi jirbaħ!

## Ġrajjiet Straordinarji

Ir-raġuni li Tereża ntbagħtet fl-Isptar Ċentrali u mbagħad l-Imgieret kienet għax l-Awtoritajiet Ċivili u Ekklezjastiċi kienu qegħdin jaħsbuha li hi isterika u kienet għaddejja minn stat ta' alluċinazzjoni. Imma wara, il-fatti wrew ħaġa oħra. Insemmu xi wħud fost oħrajn li jneħħu kull dubju dwar dan.


*Tereża Parlar waqt it-talb.*

Fl-24 ta' Mejju 1898, festa tat-Traslazzjoni ta' San Duminku, Tereża ġabret tliet qronfliet nixfin mill-ġnien biex tqegħedhom quddiem il-Madonna. Ċerta Karmena qaltilha biex tarmihom għax kienu diġà mejtin. Iżda Tereża weġbitha: "Le tarmihomx, meta nqegħedhom quddiem il-Madonna jiffriskaw". Hekk għamlet u hekk ġara! Qegħdithom f'tazza bl-ilma u reġgħu ħadu l-ħajja!

Fil-11 ta' April 1911 Tereża kienet għand il-familja ta' Indrì Micallef, il-Gudja.

Inzerta li ibnu Grezzju mar għall-kaċċa u qatel ortolan, għasfur sabiħ ferm. Ħadu d-dar mejjet, imma filwaqt li Tereża kienet tmellsu, l-għasfur reġa' ħa l-ħajja u ħarab mit-tieqa jimraħ fil-beraħ.

Il-bqija ta' ħajjitha Tereża għaddietha għand il-familja Ebejer fid-dar numru 74 Triq il-Ponta, l-Isla, ħajja magħluqa miġbura fit-talb u l-penitenza. Id-dar kienet iġġarrfet fil-gwerra ta' l-1939-45 u baqgħet ma nbnietx. Minn dak iż-żmien in-numri tad-djar inbidlu. Kieku kellha tinbena kienet tieħu n-numru 77.

## "Mietet il-Qaddisa"

Tereża Parlar mietet l-Isla, il-Ġimgħa, jum qaddis għaliha, 12 ta' Awissu 1927 meta kellha 85 sena. Fuq fomm kulħadd beda jitlissen il-kliem "mietet il-qaddisa" u bi ħġarhom eluf ta' nies bdew ġejjin biex iżuru l-katavru ta' Tereza. Fejn qabel meta kienu jilmħuha għaddejja mit-toroq kienu jiġru għal warajha u jgħidu "ġejja l-qaddisa", jaqbdulha idejha u jħossu l-irtubija speċjali tagħhom, issa jħossu l-"fwieħa tal-qdusija" fil-preżenza tal-katavru tagħha. Kien, għalhekk, ħsieb tabilħaqq għaqli li l-fdalijiet tagħha ndifnu f'qabar għalihom weħedhom fil-kappella tad-Duluri li l-Komunità Dumnikana tal-Birgu għandha fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

## Id-Devozzjoni Lejha Għadha Ħajja

Meta jsiru pellegrinaġġi għaċ-ċimiterju, diversi gruppi jieqfu fil-kappella biex jitolbu quddiemha u jqiegħdu xema' u fjuri fuq qabarha b'qima lejha, u xi drabi jiċċelebraw ukoll quddiesa fl-istess kappella.

Illum għaddew 76 sena mill-mewt tas-Serva ta' Alla Tereża Parlar. Matul dawn is-snin ħafna kienu dawk li talbu 'l Alla bl-interċessjoni tagħha u meta qalgħu l-grazzji qassmu santi bix-xbieha tagħha b'radd il-ħajr 'l Alla u għat-tixrid tad-devozzjoni lejha. Dan sar dejjem bl-approvazzjoni ta' l-awtorità tal-Knisja.

Bħalissa hawn fl-idejn santi bil-kulur fuq pittura ta' Maria Rossella Dalmas li warajhom hemm talba li l-kliem tagħha hu minsuġ skond l-ispirtu li bih kienet titlob Tereża fi kliemha, indirizzata lejn Ġesù Ewkaristija li lejh kellha devozzjoni speċjali.




*Il-qabar fejn hi midfuna Tereża Parlar*

Is-sena 1992 immarkat il-150 anniversarju tat-twelid tas-Serva ta' Alla, Francesca Teresa Parlar. Il-Provinċja Dumnikana Maltija fakkret il-ġrajja ta' din il-bint tagħha bħala terzjarja, bint tassew denja tal-Patrijarka San Duminku ta' Guzman. Saru diversi attivitajiet, fosthom wirja u konċelebrazzjoni solenni. Tagħrif dwar dan deher fil-ktieb tal-festa ta' San Duminku tas-sena 1993. Ħidma ta' din ix-xorta sservi biex nagħtu glorja 'l Alla u nfaħħruh fil-ħajja tal-qaddisin tiegħu.

Nammiraw il-ħajja qaddisa tas-Serva ta' Alla Francesca Teresa Parlar, inħabirku li nixbhuha u skond is-sejħa tagħna, bħalha nwettqu r-rieda ta' Alla, ukoll jekk din titlob minna t-tbatija, kif intalab minn Tereża, u nitolbuh bl-interċessjoni tagħha, inxandru l-grazzji maqlugħa, inqassmu s-santi tagħha, ħalli tkompli tikber id-devozzjoni lejha, u jekk il-Mulej irid, meta jrid, u kif irid, jigglorifikaha quddiemna l-bnedmin.

**Freddie's Salon**

*Open Monday to Saturday 8.00am till 1.00pm*
*Wednesday Half Day*

**6, Main Gate Street, Vittoriosa · Tel: 21 805681**